

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Jannar 2010

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm “Żgħażaġħ fl-Azzjoni” u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)

(2010/195/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(4) In-negozjati ġew konklużi fis-6 ta' Awwissu 2009 billi ġie inizjalat l-abbozz tal-Ftehim ta'.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

(5) L-Artikolu 5 tal-Ftehim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja pendenti t-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika jew ta' konklużjoni.

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

(6) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

Billi:

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm “Żgħażaġħ fl-Azzjoni” għall-perjodu 2007-2013 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha, tipprevedi li dan il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera suġġett għall-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż.

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm “Żgħażaġħ fl-Azzjoni” u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”), suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha għall-perjodu 2007-2013 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha, jipprevedi li dan il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera suġġett għall-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju għall-attivitàjiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-sena ta' wara l-iffirmar u l-aktar kmieni mill-baġit tas-sena 2011.

(3) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja, fisem l-Unjoni Ewropea, Ftehim sabiex il-Konfederazzjoni Żvizzera tkun tista' tipparteċipa f'dawn il-programmi.

Artikolu 3

Fil-każ li titwaqqaf l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija awtorizzata li ssolvi mal-lvizzera l-konsegwenzi ta' din il-waqfa b'mod konformi mal-Artikolu 5 tal-Ftehim.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

M. Á. MORATINOS
